MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 22/1979/1

Carmela mart Salvu Camilleri, Maria mart Giuseppi Magro u Lorenzo ahwa Mangion ulied il-mejjet Giuseppe u b'digriet tas-16 ta' Ottubru, 1989 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Antonio, Carmelo, Leli, Rose mart Censu D'Amato u Concetta mart Wigi D'Amato, ahwa Mangion ulied il-mejjet Lorenzo u Andrew, Lorry, Luke, Ronald, Margaret mizzewga Said u Pauline mizzewga Camilleri ahwa Mangion ulied il-mejjet Giuseppi Mangion biex ikomplu l-kawza minflok Lorenzo Mangion li miet fil-mori tal-istess kawza

vs

Concetta armla Diacono; Lorenza mart Luigi Farrugia; Giuseppe, Maria Anna mart Emanuele Cauchi u b'digriet tat-22 ta' Gunju 2004 l-atti gew trasfuzi f'isem Concetta Falzon stante l-mewt ta' Maria Anna mart Emanuele Cauchi, Emanuele, Antonio, Carmelo u Katie mizzewgin Delia u b'nota tal-11 ta' Dicembru 1987 Emanuel Cauchi pprezenta nota li biha accetta l-bandu biex jirrapprezenta lil Katie Delia f'din ic-citazzjoni u fl-atti l-ohra kollha sussegwenti u b'digriet tal-11 ta' Dicembru 1987 Dr.

Joseph R. Micallef u l-P.L. George Scicluna gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil Katie Delia li tinsab imsiefra u b'digriet tas-16 ta' Dicembru 1987 Emanuel Cauchi gie nominat bhala kuratur biex jirrapprezenta lil Katie Delia, ahwa Camilleri ulied Concetta Camilleri; Rosa mizzewga Formosa, Katie mizzewga Zammit, Carmelo u Felice ahwa Mangion ulied il-mejjet Lorenzo u b'digriet tat-23 ta' Jannar 1979 l-Avukat Dr. Ian Refalo u l-P.L. George Scicluna gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-imsiefrin Alessio u Mario ahwa Mangion ulied il-mejjet Lorenzo; Katie mizzewga Bonello, Carmen mizzewga Camilleri, Doris, Ines mizzewga Farrugia, Felic u Alexander ahwa Briffa ulied il-mejta Francesca Briffa; u b'digriet tat-23 ta' Jannar 1979 l-avukat Dr. Joseph Mifsud u l-Prokuratur Legali John Privitera gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri Joseph Briffa bin Francesca Briffa; Angela sive Giulina mart Carmelo Galea, Salvinu, Felice, George, Joseph, Francesca, xebba, Carmela, xebba, u Twannie ahwa Debono ulied il-mejjet Salvu Debono u b'nota tat-22 ta' Novembru, 1989 Katerina Darmanin u Maria Concetta Schembri jissoktaw il-kawza bhala eredi presuntivi ta' Lorenza Farrugia u b'nota tal-25 ta' April, 1991 Joseph Briffa bin Frangeska Briffa assuma l-atti tal-kawza f'ismu stante li sar maggorenni; u b'digriet tal-24 ta' Frar, 1993 l-Avukat Dr. Raymond Pace u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer gew nominati kuraturi deputati biex ikomplu l-kawza minflok Felice Debono li miet fil-mori tal-kawza; u b'digriet tal-24 ta' Frar 1993 il-gudizzju gie trasfuz f'isem ta' Paul, Silvio u Cornelia mart Stephen Cremona ahwa Debono biex ikomplu l-kawza minflok Joseph Debono li miet fil-mori tal-istess kawza

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha ppremettew:

Illi fil-11 ta' Frar, 1925 miet Felic Mangion, u bit-testment tieghu halla eredi f'decima parti lil ibnu tal-ewwel zwieg Giuseppe (missier l-attur), f'decima parti ohra lit-tfal ta' bintu tal-ewwel zwieg Marianna mart Calcedonio

Mangion, u f'decima parti ohra kull wiehed lil uliedu tat-tieni zwieg, Giuseppi, Francesca, Salvatore, Benedetto, Giovanni, Concetta mart Salvu Debono, u Lorenzo ahwa Mangion, u fir-rimanenti decima parti lit-tieni mara tieghu Maria Mangion, nee` Sultana;

Illi Giuseppi Mangion, it-tifel tal-ewwel zwieg kien miet fil-11 ta' Mejju, 1930 u kien halla eredi tieghu lil uliedu l-atturi u l-konvenuta Concetta Diacono;

Illi Francesca Mangion, tifla ohra ta' Felic Mangion kienet mietet ab intestato fil-25 ta' Dicembru, 1929, u kienet halliet b'eredi taghha lil hutha u ommha Maria Mangion fuq imsemmija;

Illi fl-20 ta' Lulju, 1934 miet ab intestato Salvu Mangion, tifel iehor ta' Felic Mangion u halla b'eredi tieghu lil ommu u lil hutu fuq imsemmija barra minn Francesca Mangion fuq imsemmija li mietet qablu;

Illi Marianna mart Calcedonio Mangion mietet u kienet halliet eredi taghha lil uliedha l-konvenuta Lorenza mart Luigi Farrugia, u Concetta Camilleri li kienet mietet ukoll u kienet halliet b'eredi taghha s-sitt uliedha konvenuti ahwa Camilleri;

Illi Giuseppe Mangion it-tifel tat-tieni zwieg kien miet ab intestato fl-24 ta' Novembru, 1955 u kien halla b'eredi tieghu skond il-ligi lil hutu fuq imsemmija barra Francesca u Salvu u lit-tfal ta' hutu premorti;

Illi Bendu u Giovanni ahwa Mangion kienu mietu rispettivament fid-29 ta' Novembru 1963 u 25 ta' Settembru, 1963 u kienu hallew b'eredi taghhom lill-konvenuti ahwa Mangion ulied il-mejjet Lorenzo u lill-konvenuti ahwa Briffa ulied il-mejta Francesca Briffa;

Illi Concetta Debono kienet mietet fil-1978 u kienet halliet b'eredi taghha lill-konvenuti tmien ahwa Debono;

Illi Maria Sultana, it-tieni mara ta' Felic Mangion kienet mietet fil-5 ta' Settembru 1939 u kienet halliet b'eredi

taghha t-tfal ta' Felic Mangion tat-tieni zwieg fuq imsemmija, u lill-aventi kawza taghhom, eccettwati uliedha Salvu u Francesca premorti minghajr dixxendenti;

Illi l-atturi ma kienux riedu jibqghu jippossjedu in komun mal-konvenuti;

L-atturi talbu lill-Qorti:

(1) tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gia esistenti bejn Felic Mangion u l-ewwel mara tieghu, u diviza f'zewg porzjonijiet ugwali li minnhom wahda tigi assenjata lill-assi ta' Felic Mangion u l-ohra lill-assi tal-ewwel mara tieghu; (2) tillikwida t-tieni komunjoni tal-akkwisti gja esistenti bejn Felic Mangion u t-tieni mara tieghu, u diviza f'zewg porzonijiet ugwali li minnhom wahda tigi assenjata lill-assi ta' Felic Mangion u l-ohra lill-assi tat-tieni mara tieghu; (3) tillikwida l-assi tal-ewwel mara u tiddikjara li jikkonsisti fin-nofs tal-komunjoni u l-beni li jirrizultaw waqt il-kawza, u jigi diviz bejn l-aventi kawza taz-zewg uliedha nofs kull wiehed; (4) tillikwida l-assi ta' Felic Mangion billi jigi dikjarat li jikkonsisti fin-nofs tal-komunjonijiet fuq indikati u f'dawn il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza; (5) tiddividi l-assi hekk likwidati f'ghaxar porzonijiet li jigu assenjati lid-disa' ulied ta' Felic Mangion u lill-assi tat-tieni mara tieghu Maria Mangion skond it-testment tieghu; (6) tillikwida l-assi ta' Maria Mangion tieni mara ta' Felic Mangion, u tiddividieh bejn il-hames uliedha; (7) tillikwida l-assijiet ta' Giuseppi, Salvatore u Francesca ahwa Mangion ulied Felic u t-tieni mara tieghu, li mietu t-tlieta 'ab intestato', tiddividi l-istess assijiet bejn il-partijiet fil-kwoti li tindika; (8) Tinnomina periti ghall-likwidazzjonijiet mehtiega, nutar biex jippubblika l-att opportun u kuraturi ghall-kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Maria Anna mart Emmanuele Cauchi u Katie mizzewga Delia li eccepew:

Illi huma ma kienux qed jopponu ruhhom ghad-divizjoni tal-assi in komunjoni, basta pero` jigu verifikati l-kwoti msemmija fic-citazzjoni u l-konsistenza tal-assi in divizjoni.

Salvi eccezzonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti Maria Anna mart Emmanuele Cauchi u Katie mizzewga Delia.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti Salvinu, Felice, George, Joseph, Francesca, Carmela u Twanina ahwa Debono li biha eccepew:

1. Il-preskrizzjoni decennali (skond l-artikolu 885 tal-Kodici Civili) relativament ghall-ereditajiet ta' persuni li kienu ilhom mejta aktar minn ghaxar snin;

2. Il-preskrizzjoni trentennali (skond l-artikolu 2248 tal-Kodici Civili) relativament ghal kull proprjeta` posseduta mill-konvenuti u awturi taghhom u li dwarha l-atturi seta' jkollhom xi pretensjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti Salvinu, Felice, George, Joseph, Francesca, Carmela u Twanina ahwa Debono.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati Dr. Joseph Mifsud u l-P.L. John Privitera li biha eccepew li huma ma kienux ghadhom edotti mill-fatti li kienu taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk kienu rriservaw id-dritt li jaghtu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr. Joseph Mifsud u l-P.L. John Privitera.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Rose Formosa, Katie Zammit, Carmelo u Felice ahwa Mangion li biha eccepew:

Illi ma kienx jidher li huma kienu jippossjedu xi beni in komun mal-atturi u ghalhekk kienu talbu li jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti Rose Formosa, Katie Zammit, Carmelo u Felice ahwa Mangion.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Dr. Ian Refalo u l-P.L. George Scicluna kuraturi deputati tal-imsiefrin Alessio u Mario ahwa Mangion li biha eccepew:

Illi huma ma kienux edotti bil-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda ta’ Dr. Ian Refalo u l-P.L. George Scicluna kuraturi deputati tal-imsiefrin Alessio u Mario ahwa Mangion.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Giuseppe, Anna Maria mart Emanuele Cauchi, Emanuele, Antonio, Carmelo u Katie mizzewgin Delia, ahwa Camilleri li biha eccepew:

Illi huma ma kienux jopponu ruhhom ghal-likwidazzjonijiet u divizjonijiet kif mitluba fic-citazzjoni salv il-verifika tal-kwoti.

Salvi eccezzonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti Giuseppe, Anna Maria mart Emanuele Cauchi, Emanuele, Antonio, Carmelo u Katie mizzewgin Delia, ahwa Camilleri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Angela sive Giulina mart Carmelo Galea li biha eccepiet:

Illi d-domandi attrici kienu kolpiti bil-preskrizzjoni decennali u ghalhekk kellhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi.

Salv kull eccezzjoni ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta Angela sive Giulina mart Carmelo Galea.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Antonio Camilleri li biha eccepixxa:

1. Illi l-konvenut ma kienx qed jopponi ruhu ghad-divizjoni tal-assi in komunjoni, basta pero` li jigu verifikati l-kwoti msemmija fic-citazzjoni u l-konsistenza tal-assi in divizjoni.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Antonio Camilleri.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Dr. Raymond Pace u l-P.L. Hilda Ellul Mercer nominati kuraturi deputati biex ikomplu l-kawza minflok Felice Debono li miet fil-mori tal-kawza li biha eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok il-kuraturi deputati ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz ***de quo*** u kienu rriservaw li jeccepixxu ulterjorment kif tali fatti jigu notifikati lilhom.

2. Illi fit-tieni lok il-gudizzju ma kienx integru stante li qabel xejn kellhom jigu indikati l-eredi prezuntivi tal-istess Felice Debono li kien miet fil-mori tal-kawza, u tal-istess Felice Debon li kien miet fil-mori tal-kawza, u kellha ssir il-legittimazzjoni tal-atti a bazi tal-artikoli tal-Kodici tal-Procedura Civili.

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, il-kuraturi kienu aderixxu ruhhom mal-eccezzjonijiet li kienu gja prezentati mill-istess Felice Debono fl-atti tal-kawza de quo u cioe` l-preskrizzjoni decimali skond l-artikolu 885 tal-Kodici Civili (Edizzjoni Qadima) relattiv ghall-ereditajiet ta' persuni li kienu ilhom mejta aktar minn ghaxar snin.

4. Kienu aderixxu ruhhom ukoll mal-eccezzjonijiet l-ohra mghotija mill-istess Felice Debono rigwardanti l-preskrizzjoni skond l-artikolu 2248 tal-Kodici Civili (Edizzjoni Qadima) dwar kull proprjeta` posseduta mill-eccipjenti Felic Debono u l-awturi tieghu u li dwarha l-atturi kien jista' jkollhom pretensjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr. Raymond Pace u l-P.L. Hilda Ellul Mercer.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-<u>atturi</u> li fiha ssemma li Felic Mangion kien mizzewweg darbtejn, l-ewwel lil Concetta Spiteri u mbaghad lil Maria Sultana. Mill-ewwel zwieg kellu zewg ulied, lil Giuseppi li jigi missier l-atturi u omm il-konvenuta Diacono. Mit-tieni zwieg hu kellu sebat itfal. Felic Mangion halla bhala eredi tieghu lid-disa' uliedu u lit-tieni mara tieghu decima parte kull wiehed. L-ewwel mara tieghu mietet ***'ab intestato'*** u halliet eredi liz-zewg uliedha. It-tieni mara tieghu halliet eredi taghha lis-seba' uliedha. L-atturi ghamlu l-kawza billi ma riedux jibqghu jippossjedu in komuni mal-konvenuti l-beni provenjenti lilhom bhala eredi ta' missierhom mill-wirt ta' Felic Mangion u ta' uliedu tat-tieni zwieg, Francesca, Giuseppe u Salvatore ahwa Mangion.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Maria Anna mart Emmanuele Cauchi u Katie mizzewga Delia li fiha semmew li purche` jigu assenjati sew il-kwoti ereditarji msemmija u l-konsistenza tal-assi in divizjoni huma ma jopponux li ssir id-divizjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Salvinu, Felice, George, Joseph, Francesca, Carmela u Twanina ahwa Debono li fiha semmew li ghalkemm ic-citazzjoni taghti l-apparenza ta' proceduri normali ta' likwidazzjoni u divizjoni ta' assi ereditarji mizmuma s'issa in komuni, ir-relata` kienet li l-atturi kellhom xi pretensjoni dwar proprjeta` immobiljari posseduta ***uti dominus*** ghal xi hamsin sena minn uhud mill-konvenuti. Il-konvenuti Salvinu, Felice, George, Joseph, Francesca, Carmela u Twanina ahwa Debono ghalhekk f'dan l-istadju taw biss eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni u rriservaw li l-quddiem jissollevaw eccezzjonijiet ohra wara li l-atturi jindikaw x'jippretendu li ghandu jigi inkluz fid-diversi assijiet ereditarji.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati Dr. Joseph Mifsud u l-P.L. John Privitera li fiha semmew li huma ma kienux edotti mill-fatti li kienu taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk kienu rriservaw id-dritt li jaghmlu dikjarazzjoni fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Rose Formosa, Katie Zammit, Carmelo u Felice ahwa Mangion li fiha semmew li huma ma kienu jippossjedu l-ebda beni in komun mal-atturi u ghalhekk ma kienx hemm lok ghad-divizjoni mitluba fic-citazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr. Ian Refalo u l-P.L. George Scicluna kuraturi deputati tal-imsiefrin Alessio u Mario ahwa Mangion li fiha semmew li ma kienx ghad kellhom l-opportunita` li jikkomunikaw mal-persuni minnhom rapprezentati u ghalhekk ma kienux edotti mill-fatti tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Giuseppe, Anna Maria mart Emanuele Cauchi, Emanuele, Antonio, Carmelo u

Katie mizzewgin Delia, ahwa Camilleri li fiha semmew li huma ma jopponux ruhhom ghal-likwidazzjonijiet u divizjonijiet mitluba fic-citazzjoni salv il-verifiki tal-kwoti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Angela sive Giulina mart Carmelo Galea li fiha semmiet li peress li kienu ghaddew aktar minn ghaxar snin mill-mewt tal-awturi tal-kontendenti, l-azzjoni attrici kif proposta kienet kolpita bil-preskrizzjoni ta' ghaxar snin skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Antonio Camilleri li fiha semma li purche` jigu verifikati sew il-kwoti ereditarji msemmija fil-premessi tac-citazzjoni u fit-talba, u purche` jigi stabbilit bir-reqqa l-konsistenza tal-assi in divizjoni, il-konvenut ma kienx qed jopponi ruhu li ssir l-imsemmija divizjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati Dr. Raymond Pace u l-P.L. Hilda Ellul Mercer li fiha semmew li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz ***de quo*** u kienu rriservaw li jeccepixxu ulterjorment kif tali fatti jigu notifikati lilhom. Ziedu li l-gudizzju ma kienx integru stante li qabel xejn kellhom jigu indikati l-eredi prezuntivi tal-istess Felice Debono li kien miet fil-mori tal-kawza, u tal-istess Felice Debono li kien miet fil-mori tal-kawza, u kellha ssir il-legittimazzjoni tal-atti a bazi tal-artikoli tal-Kodici tal-Procedura Civili. Bla pregudizzju ghall-premess, aderixxu ruhhom mal-eccezzjonijiet li kienu gja prezentati mill-istess Felice Debono fl-atti tal-kawza ***de quo*** u cioe` l-preskrizzjoni decimali skond l-artikolu 885 tal-Kodici Civili (Edizzjoni Qadima) relattiv ghall-ereditajiet ta' persuni li kienu ilhom mejta aktar minn ghaxar snin. Aderixxu ruhhom ukoll mal-eccezzjonijiet l-ohra mghotija mill-istess Felice Debono rigwardanti l-preskrizzjoni skond l-artikolu 2248 tal-Kodici Civili (Edizzjoni Qadima) dwar kull proprjeta` posseduta mill-eccipjenti Felic Debono u l-awturi tieghu u li dwarha l-atturi kien jista' jkollhom pretensjoni.

Rat id-digriet tat-8 ta' Mejju 1979 li bih gie nominat Dr. Joseph Cassar bhala perit legali.

Rat id-digriet tas-17 ta’ Novembru 1986 li bih gie nominat il-Perit AIC Renato Laferla bhala perit arkitett.

Rat id-digriet tal-5 ta’ Ottubru 1987 li bih gie nominat Dr. Renzo Porsella Flores bhala perit legali in sostituzzjoni ta’ Dr. Joseph Cassar.

Rat id-digriet tal-20 ta’ Novembru 1990 li bih gie nominat Dr. Philip Manduca bhala perit legali in sostituzzjoni ta’ Dr. Renzo Porsella Flores.

Rat ir-rapport tal-perit legali Dr. Philip Manduca li fih ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:
**“Konsiderazzjonijiet tal-esponent:**

L-atturi talbu sabiex tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti bejn Felic Mangion u l-ewwel mara tieghu u anke dik tat-tieni zwieg tieghu.  Talbu wkoll li jigu likwidati l-assi tal-ewwel mara ta’ Felic Mangion u jigu divi bejn il-werrieta. It-talbiet huma kif gej …

<u>L-EWWEL TALBA:</u>

8.1

“Tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn Felic Mangion u l-ewwel mara tieghu (Concetta nee Spiteri), u diviza f’zewg porzjonijiet ugwali li minnhom wahda tigi assenjata lill-assi ta’ Felic Mangion u l-ohra lill-assi tal-ewwel mara tieghu;”

Jirrizulta (ara Dok JJ) esebit fil-21 ta’ Lulju 1989 li Felice Mangion kien mizzewweg lil Concetta Spiteri u minn dan iz-zwieg kien hemm zewg itfal – Giuseppe u Marianna.

Felic Mangion miet f’ Ottubru 1925 u d-denunzja tieghu giet ippresentata minn ibnu Giuseppe u Salvatore Debono ghan-nom ta’ Concetta Debono martu (dok CC) esebit fis-27 ta’ Frar 1986.

Illi skond l-istess denunzja hemm assi tal-komunjoni tal-akkwisti tat-tieni zwieg – kif ukoll l-assi partikolari ta’

Felice Mangion. L-assi partikolari ta’ Felice Mangion huma –

a) dar f’Strada Bajada Zurrieq
b) dar f’Zurrieq Strada Santa Caterina.

Illi wiehed irid jezamina d-denunzja ta’ Concetta Mangion nee Spiteri sabiex jistabbilixxi l-assi tal-komunjoni ta’ l-ewwel zwieg. Din id-denunzja ma gietx esebita. Izda kif se jirrizulta iktar isfel f’din ir-relazzjoni b’kuntratt (Dok CMB) it-tfal mill-ewwel zwieg ta’ Felice Mangion bieghu s-sehem ta’ Concetta Spiteri lit-tfal tat-tieni zwieg. Illi ghalhekk l-esponenti jissottometti li l-atturi ma ghandhomx interess fl-ewwel talba taghhom ghar-rigward sehem Concetta Spiteri mill-komunjoni tal-akkwisti.

8.2

IT-TIENI TALBA TAL-ATTURI:

“Tigi likwidata t-tieni komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn Felic Mangion u t-tieni mara tieghu, u diviza f’zewg porzjonijiet ugwali li minnhom wahda tigi assenjata lill-assi ta’ Felic Mangion u l-ohra lill-assi tat-tieni mara tieghu;”

Illi skond id-denunzja ta’ Maria armla ta’ Felic Mangion li mietet fil-5 ta’ Settembru 1939 – l-istess Marija kellha:

1/8 indiviz ta’ djar iz-Zurrieq Innocents Lane nos. 1, 2, 3
1/8 indiviz tal-ghalqa ta’ Ghajn Sciafar – Hal Safi
1/8 x 1/12 tad-dar iz-Zurrieq St. John Street no. 4
½ + (1/8 x ½) = 9/16 indiviz tad-dar nru. 4 taz-zewg rimessi nos. 3 & 6 St. Paul Street Zurrieq.
½ + (1/8 x ½) = 9/16 indiviz tad-dirett dominium perpetwu u cens relativ tad-dar St. Bartholomew Street, no. 17 Zurrieq.
½ + (1/8 x ½) = 9/16 tal-gniena li kellha dhul minn Brittanja Street, Zurrieq.
Dar iz-Zurrieq St. Bartholmew Street, No. 93.
½ indiviz ta’ No. 83 St. Bartolomeo Street, Zurrieq.

Illi skond id-denunzja ta' Felice Mangion bhala "assi sociale coniugali" huma kellhom

1. 21 Strada Rose, Zurrieq
2. Strada Bartolomeo 76 Zurrieq
3. 17, Strada San Bartolomeo Zurrieq (moghti b'enfitewsi perpetwa lil Salvatore u Maria Concetta Debon)
4. 4, 5, 6 strada San Paolo Zurrieq
5. 1/10 tal-utile dominio temporanio tal-art tal-Bajada limiti ta' Zurrieq
6. 9/10 tal-utile dominio temporanio tal-ghalqa tal-Bajada limiti ta' Zurrieq

Illi sabiex jaqsam il-komunjoni tal-akkwisti bejn Felice u Maria nee Sultana hemm il-Perit Tekniku nominat mill-Qorti AIC Renato Laferla li b'digriet tas-17 ta' Novembru 1986 gie nominat biex jaghmel l-istima tal-fondi.

8.3

IT-TIELET TALBA TAL-ATTURI:

"(3) L-assi tal-ewwel mara tieghu jigi likwidat u jigi dikjarat li jikkonsisti fin-nofs tal-komunjoni u l-beni li jirrizultaw waqt il-kawza, u jigi diviz bejn l-aventi kawza taz-zewg uliedha nofs kull wiehed."

Il-konvenuti, fin-nota tal-osservazzjonijiet, esponew inter alia li fid-19 ta' Gunju 1926 giet prezentata citazzjoni ta' Giuseppe Mangion (missier l-atturi) u ta' Concetta Camilleri, Lorenza Farrugia, Giuseppi, Antonio kontra l-ulied tat-tieni zwieg u dawn talbu li l-wirt ta' missierhom jigi likwidat sija fl-ewwel zwieg kif ukoll fit-tieni.

Fid-9 ta' Mejju 1927, iz-zewg partijiet kienu waslu fi tranzazzjoni fejn ftiehmu li l-ulied tal-ewwel zwieg, (i.e. Giuseppe Mangion u Marianna, li kienet gja mejta u ghalhekk rapprezentata minn uliedha Concetta, Lorenza, Giuseppi u Antonio) kienu bieghu lil dawk tat-tieni zwieg sehemhom mill-wirt tal-ewwel mara ta' Felic Mangion (li

tigi ommhom), sehemhom mill-wirt ta' missierhom Felic Mangion.

L-art. 1718 jiddefinixxi t-tranzazzjoni bhala "kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga li jaghtu, iwieghdu jew izommu, jaghtu tmiem ghal kawza mibdija jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir."

Din id-definizzjoni tindika l-ghan u l-mezz tat-tranzazzjoni. L-ghan huwa dak li jittermina kawza gja ezistenti jew li jippreventa kawza bejn il-partijiet. Il-mezz hija haga moghtija, ippromessa jew mizmuma. Ghaldaqstant irid ikun hemm koncessjonijiet miz-zewg partijiet. Jekk dan ir-rekwizit (ta' koncessjonijiet reciproci) ma jintlahaqx, allura dan ma jkunx tranzazzjoni imma xi kuntratt iehor per ezempju rinunzjoni. Fil-kaz ta' **Barbara vs Brincat** (7/8/1944), fil-fatt, il-Qorti qalet: "fit-tranzazzjoni, il-partijiet iridu jaghmlu sagrificcju billi jkunu taw jew zammew xi haga. Jekk hadd ma jaghti xejn, ma jkunx hemm sagrificcju u ghalhekk ma jkunx hemm tranzazzjoni, izda ftehim iehor."

Skond l-art. 1719(1), it-tranzazzjoni trid issir premezz ta' b'att pubbliku, fejn din tikkoncerna immobbli.

Il-partijiet irid ikollhom il-kapacita` li jaljenaw l-oggetti inkluzi fit-tranzazzjoni.

L-effett ewlieni ta' tranzazzjoni huwa stabbilit fl-art. 1729. "It-tranzazzjoni ghandha, bejn il-partijiet is-setgha ta' sentenza li ghaddiet f'gudikat."

Ghalhekk, it-tranzazzjoni ghandha, bejn il-partijiet, l-effett ta' awtorita` ta' decizjoni mill-Qorti.

F'dan il-kaz, jidher car li t-tranzazzjoni ffirmata quddiem in-Nutar Giovanni Caruana fid-9 ta' Mejju 1927 ghandha r-rekwiziti kollha li trid il-ligi u ghalhekk tikkostitwixxi ***res judicata***.

L-atturi talbu li jigu likwidati d-diversi komunjoni tal-akkwisti, jigu likwidati l-assi ta' Felic Mangion u l-assi tal-

ewwel mara tieghu, u li dawn jigu divizi fost il-werrieta. Dawn it-talbiet huma identici ghal dawk li saru fl-ewwel citazzjoni li giet ipprezentata fid-19 ta’ Gunju 1926, u li dwarha saret tranzazzjoni fid-19 ta’ Mejju 1927. Fil-fatt l-atturi f’dik l-ewwel kawza kienu ftiehmu li jbieghu sehemhom mill-wirt ta’ missierhom Felic Mangion.

Fil-kuntratt (Dok CMB) Giuseppe Mangion bin Felice (mill-ewwel zwieg) u ohtu Concetta u ohrajn cedew u bieghu lil Benedetto, Salvatore, Concetta Debono, Giovanni, Lorenzo, Francesca u Giuseppe Mangion, tfal mit-tieni zwieg ta’ Felice Mangion –

“a) i diritti a loro spettanti sull-eredita` intestata di Concetta, gia moglie di Felice Mangion… e cio` nella proporziione di una meta da esso Giuseppe Mangion figlio di primo letto e nella proporzione dell-altra meta da Concetta Camilleri, Lorenza Farrugia, Giuseppe ed Antonio ahwa Mangion figli ed eredi di Maria Anna mangion, costei altra figlia di primo letto

b) due decimi indivizi dell’eredita` di Felice Mangion.

Illi ghalhekk jidher li t-tielet talba ghad-divizjoni li jigi likwidat u diviz l-assi tal-ewwel mara ta’ Felic Mangion bejn l-aventi kawza ta’ zewg uliedha ghandha tigi michuda billi din diga giet trasferita lil ohrajn bil-kuntratt (dok CMB).

Illi Dr. Tonio Mallia ghall-attur issottometta:

“Dr. Tonio Mallia ghall-atturi rrileva li l-atturi ma kienux qed jitolbu s-sehem ta’ missierhom Giuseppi mill-wirt ta’ missieru Felice izda s-sehem ta’ missierhom Giuseppe u ohthom Francesca (li mietet bla testment) liema wirt jikkonsisti f’sehemha mill-wirt ta’ Felice inkluz il-part ta’ dan il-wirt li akkwistat bl-att ta’ 1926 u s-sehem taghhom “***jure representationis***” ta’ missierhom Giuseppi mill-wirt ta’ Salvatore Mangion li wkoll miet bla testment.”

Illi ghaldaqstant ghandhom jigu ezaminati d-denunzji ta’ Francesca Mangion u Salvatore Mangion li huma esebiti bhala Dokumenti DD u EE.

Illi skond id-denunzja ta’ Salvatore Mangion li miet 15/7/1934 l-istess Salvatore Mangion wiret 1/7 tal-meta` tal-proprjeta`:

a) 25 Rose Street, Zurrieq
b) 76 Bartholomeo Street, Zurrieq
c) 7 Bartholomeo Street, Zurrieq
d) 4, 5, 6 Strada San Paolo, Zurrieq
e) 1/10 indiviz tal-utile dominium ta’ art tal-Bajada limiti ta’ Zurrieq
f) 9/10 indiviz mill-utile dominium temporanju tal-ghalqa “tal-Bajjada” limiti taz-Zurrieq. (din tal-ahhar tohrogmit-tieni denunzja li saret fis-17 ta’ Settembru 1946, tnax-il sena wara d-denunzja ta’ Salvatore Mangion u wiehed ma jistax hlief jissaponi li fl-istant li saret din id-denunzja ta’ Salvatore, din l-ahhar proprjeta` ma kienux jafu biha l-werrieta).

g) 1/9 mill-assi ta’ Francesca Mangion li mietet ab intestato u ghalhekk, skond il-Kodici Civili l-proprjeta` taghha jaqa’ fuq hutha u fuq il-genituri taghha

Illi mid-denunzja ta’ Francesca Mangion li saret fil-11 ta’ Marzu 1930 jirrizulta li Francesca Mangion kellha bhala assi 1/8 tal-meta` tal-beni ta’ dawn is-segwenti fondi:
1. 21, Rose Street, Zurrieq
2. 76, St. Barthomolew Street, Zurrieq
3. 7, St. Bartholomew Street, Zurrieq
4. 4, 5, 6 St. Paul Street, Zurrieq
5. 1/10 tal-utile dominium temporanju tal-art f’tal-Bajjada, limiti taz-Zurrieq
6. 9/10 indiviz tal-utile dominium tal-ghalqa tal-Bajjada limiti taz-Zurrieq

Illi minn denunzja ohra li saret fid-29 ta’ Ottubru 1934 tal-istess Francesca Mangion jirrizulra wkoll illi oltre l-proprjetajiet fuq imsemmija, id-decujus kellha wkoll 1/8 tas-segwenti stabili:
1. Fond fi Triq Bajjada, Zurrieq
2. Dar fi Triq Santa Caterina, Zurrieq.

Illi dawn il-proprjetajiet jidhru wkoll elenkati fid-denunzja ta’ Felice Mangion bhala assi partikolari tieghu. Il-porzjoni huwa ta’ 1/8 stante li kien sar il-bejgh tal-wirt fl-1927 minn Giuseppe Mangion u ohtu Marianna lil huthom mit-tieni zwieg ta’ missierhom.

Illi mhux kontestat li dawn it-tnejn mietu minghajr testment u minghajr tfal. Ghalhekk l-eredi taghhom skond il-ligi huma l-ahwa taghhom u cioe` kemm Giuseppi u Marianna Mangion (tfal ta’ l-ewwel zwieg) kif ukoll il-hames tfal l-ohra ta’ Felic Mangion u Maria nee Sultana.

Billi Giuseppe u Marianna Mangion kienu bieghu s-sehem taghhom mill-wirt ta’ missierhom u wara kienu wirtu lil Salvatore u Francesca Mangion ghalhekk wiehed irid jikkalkula s-sehem ta’ Giuseppi u Marianna Mangion wara l-mewt ta’ Salvatore u Francesca Mangion.

Illi Giuseppi u Marianna Mangion wirtu 2/8 tal-assi ta’ Salvatore Mangion. Dan l-ammont johrog espressament mill-Kodici Civili stante li fl-art. 813 huwa stipulat illi:-

“Where brothers or sisters of the deceased, or descendants of predeceased brothers or sisters, **whether of the half or full blood**, compete with the father and the mother, or, with the one of them surviving, or, in default of both parents, with the ascendants, or the nearest ascendant, in any such case the parents, ascendants, brothers and sisters shall succeed ***per capita***, and in equal portions…”. Ghaldaqstant, gjaladarba l-ahwa werrieta huma sebgha (Francesca Mangion ipprecedietu u mietet minghajr dixxendenti) u kien ghad hemm ommhom hajja, il-porzjoni ta’ kull eredi huwa dak ta’ 1/8 tal-assi tad-***decujus***.

Mill-banda l-ohra, dejjem abbazi tal-istess artikolu 813, l-ahwa Giuseppi u Marianna Mangion (it-tfal taghha per rapresentationis) wirtu minghand Francesca Mangion 1/9 kull wiehed, u allura l-ammont taghhom f’daqqa huwa 2/9.

Illi Salvatore u Francesca Mangion hallew 1/7 tal-proprjetajiet fuq imsemmija. Illi ghalhekk Giuseppi u t-tfal ta' ohtu Marianna wirtu 1/8 ta' 1/8 tal-assi ta' Felice Mangion.

8.4

IR-RABA' TALBA TAL-ATTURI:

"Jigi likwidat l-assi ta' Felic Mangion billi jigi dikjarat li jikkonsisti fin-nofs tal-komunjonijiet fuq indikati u f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza;"

Illi mid-denunzja ta' Felic Mangion ezebita fis-27 ta' Frar 1986 u mahruga fl-10 ta' Mejju 1926 (dok CC) l-assi tal-istess Felic Mangion johorgu car minn dik l-istruttura. Ghaldaqstant l-assi jikkonsistu fis-segwenti:-

a) l-assi konjugali mit-tieni zwieg (u ghaldaqstant l-assi ta' Felic Mangion jikkonsistu, ***inter alia***, f'nofs is-segwenti):
1. 21, Rose Street, Zurrieq
2. 76, St. Bartholomew Street, Zurrieq
3. 17, St. Bartholomew Street, Zurrieq (dan il-fond gie moghti b'titolu ta' enfitewsi perpetwu lil Salvatore u Maria Concetta konjugi Debono;
4. 4, 5, 6 St. Paul Street, Zurrieq
5. 1/10 parti tal-utile dominio temporanja tal-clausura f'Tal-Bajjara limiti taz-Zurrieq;
Sussegwentement, skond is-sekonda denunzja tal-istess Felic Mangion li nharget fis-17 ta' Settembru 1946, jirrizulta li oltre dawn l-isemmijin assi, Felic Mangion ghandu wkoll bhala assi:
6. 9/10 parti indivizi mill-utile dominium temporanju tal-ghalqa f'tal-Bajjada, limiti taz-Zurrieq

L-assi partikolari ta' Felic Mangion jikkonsistu:
1. Dar fi Triq Bajada, Zurrieq;
2. Dar fi sqaq fi Triq Santa Caterina, Zurrieq

8.5

DWAR L-ECCEZZJONI TA' PRESKRIZZJONI:

Illi fl-eccezzjonijiet ta’ Salvinu, Felice, George, Joseph, Francesca, Carmela u Twanina ahwa Debono gie eccepit hekk:

1. Il-preskrizzjoni decennali (skond l-artikolu 885 tal-Kodici Civili) relativament ghall-ereditajiet ta’ persuni li ilhom mejta iktar minn ghaxar snin.

2. Il-preskrizzjoni trentennali (skond l-artikolu 2248 tal-Kodici Civili) relativament ghal kull proprjeta` posseduta mill-eccipjenti u awturi taghhom u li dwarha l-atturi jista’ jkollhom xi pretensjoni.

Illi fin-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuti ulied il-mejjet Lorenzo Mangion u cioe` Rosa Formosa et huma jissottomettu li l-proprjeta` fi Triq San Pawl kienet maqsuma aktar minn tletin sena ilu mill-missirijiet tal-konvenuti u ghalhekk l-atturi ma ghandhomx sehem mill-istess. Issottomettew ukoll li 116 Triq San Bartolomew ilu fil-pussess taghhom ghal zmien preskrittiv rilevanti.

Huma ssottomettew ukoll li nofs indiviz tal-fondi 3, 4, 5 u 6 Triq San Pawil iz-Zurrieq gew fil-pussess ta’ Lorenzo Mangion b’kuntratt datat 23/9/1940.

B’kuntratt tas-27 ta’ Marzu 1950 in-nofs indiviz l-iehor gie trasferit favur Lorenzo Mangion.

Illi l-atturi ssottomettew li f’dawn ic-cirkostanzi l-preskrizzjoni ma japplikax.

Illi huma jissottomettu li f’dan il-kaz dan l-akkwist ma jistax jigi pruvat kif jghidu l-awturi jghaddi kemm jghaddi zmien (***etiam per mille annos)*** la darba d-divizjoni ma saritx ma jistax ikun hemm pussess esklussiv necessarju biex tkun radikata l-preskrizzjoni akkwizittiva.

Dr. Carmelo Vassallo ghall-atturi ghamel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Carmela Ellul vs Nikolina Ellul et** deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla (Onor. Imhallef J. Filletti) deciza fit-22 ta’ Lulju 1985.

Illi skond l-artikolu 2107(1) tal-Kodici Civili:
"Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku ghal zmien li tghid il-ligi."

Illi skond l-artikolu 2118 tal-istess Kodici:
"Dawk li jzommu l-haga f'isem haddiehor jew il-werrieta taghhom, ma jistghux jippreskrivu favur taghhom infishom: bhal ma huma l-kerrejja, id-depozitarji, l-uzufruttwarji, u, generalment dawk li ma jzommux il-haga bhal taghhom infishom."

Illi huwa veru li l-azzjonijiet kollha, reali, personali jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni gheluq tletin sena, u ebda oppozizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba nuqqas ta' titolu jew ta' buona fidi izda billi l-konvenuti kienu eredi ma' ohrajn u ghalhekk kienu fil-pussess ta' proprjeta` indiviz ma' ohrajn qatt ma setghu jakkwistaw l-istess proprjetajiet bi preskrizzjoni akkwizittiva.

Kif intqal fis-sentenza **Carmelo Ellul vs Nicholina Ellul u Rita Baldacchino** (22/7/1985 PA – Imhallef Filletti): din il-preskrizzjoni hija ta' indole akkwizittiva u msejsa fuq l-eskluzivita` tal-pussess. Ghaldaqstant il-pussess komuni ereditarji huwa ta' ostakolu ghal kors ta' kull xorta ta' preskrizzjoni bhal din. (Ara wkoll **Ellul vs Benedict** Vol. 35 page 337 – Prim Awla 1951) u Appell Civili **Borg vs Zammit** 28/3/1955).

Ghaldaqstant l-esponent jissottometti bir-rispett illi dawn l-eccezzjonijiet ghandhom jigu michuda.

8.6

IL-HAMES TALBA TAL-ATTURI:
Illi fil-hames talba taghhom l-atturi talbu hekk:

Ma ghandux l-assi hekk likwidati jigi diviz f'ghaxar porzjonijiet u jigu assenjati lid-disa' ulied ta' Felic Mangion u lill-assi tat-tieni mara tieghu Maria Mangion skond it-testment tieghu.

Illi kif spjegat hawn fuq l-atturi ma ghandhomx interess fl-assi kollha ta' Felice Mangion izda fl-assi li kienu wirtu l-aventi kawza taghhom wara l-mewt ta' Francesca u Salvu Mangion tfal tat-tieni zwieg tieghu. Biex jigu divizi dawn il-proprjetajiet f'porzjonijiet hemm bzonn ir-rapport tal-Perit Tekniku. Illi wiehed ma jistax jezamina li dawn il-proprjetajiet se jkunu komodament divizibbli bejn l-eredi u ghalhekk probabilment irid jinghata stima u xi forma ta' kumpens.

8.7

IS-SITT TALBA TAL-ATTURI:

Illi fis-sitt talba taghhom l-atturi talbu li jigi likwidat l-assi ta' Maria Mangion, tieni mara ta' Felice Mangion u divizi bejn il-hames uliedha.

Illi l-esponent ma jistax jifhem ghalfejn saret din it-talba. L-atturi ma ghandhomx interess fl-assi tat-tieni mara ta' Felice Mangion. Francesca u Salvatore mietu qabel ma mietet Maria Mangion it-tieni mara ta' Felice Mangion.

8.8

IS-SEBA' TALBA TAL-ATTURI:

Illi fis-seba' talba taghhom l-atturi talbu:

"Li jigu likwidati l-assijiet ta' Giuseppi, Salvatore u Francesca ahwa Mangion ulied Felic u t-tieni mara tieghu li mietu ***ab intestato*** u l-istess assijiet divizi bejn il-partjiet f'dawk il-kwoti li tindika din il-Qorti".

Illi l-esponent diga ttratta dwar sehem Salvatore u Francesca Mangion. L-atturi mhux qeghdin jippretendu drittijiet fil-konfront tal-assi ta' Giuseppi Mangion (tifel tat-tieni zwieg) fil-fatt dan miet f'Novembru 1955.

8.9

IT-TMIEN TALBA TAL-ATTURI:

Illi fit-tmien talba taghhom l-atturi qeghdin jitolbu li jigi nominati periti ghall-likwidazzjoni u nutar biex jippubblika l-att opportun.

Illi din it-talba diga giet trattata mill-Qorti fis-sens li gie nominat l-ewwel Dr. Joseph Cassar bhala Perit Legali, imbaghad Dr. Renzo Porsella Porsella Flores imbaghad l-esponent bhala perit legali. Gie nominat ukoll l-AIC Renato Laferla.

Illi wara li l-AIC Renato Laferla jipprezenta r-rapport tieghu ghandu jigi pubblikat l-opportun att.

Illi l-esponent jissottometti bir-rispett li l-Perit Tekniku ghandu joqghod attent fir-rigward in-numri tal-fondi msemmijin f'din ir-relazzjoni billi dawn setghu inbidlu.

Illi ghar-rigward il-kwoti l-esponent jissottometti kif gej:

Illi l-atturi Carmela Camilleri, Maria Magro u Lorenzo Mangion kienu wirtu minghand Giuseppi Mangion (li kien wiret lil Salvatore u Francesca Mangion) kif gej:

Francesca Mangion kellha: 1/8 of ½ tal-assi ta' Felice Mangion i.e. 1/16 – Giuseppi Mangion kien wiret 1/9 of 1/16 i.e. 1/144 i.e. l-atturi Carmela Camilleri, Maria Magro u Lorenzo Mangion wirtu kull wiehed 1/576.

Salvatore Mangion kellu 1/8 of ½ tal-assi ta' Felice Mangion i.e. 1/16 – sussegwentement wiret lil Francesca u ghalhekk wiret 1/16 + 1/144 = 5/72. L-atturi Carmela Camilleri, Maria Magro u Lorenzo Mangion u ohthom Concetta Diacono wirtu 1/8 ta' 5/72 = 5/576 li diviz bejn erba' jigi 5/2305 kull wiehed.

Illi jirrizulta li l-atturi wirtu minghand Salvatore u Francesca Mangion 1/256 tas-segwenti proprjetajiet:

4, 5, 6 St. Paul Street, Zurrieq
17, St. Bartholomew Street, Zurrieq
25, Rose Street, Zurrieq
1, 2, 3 Innocent Lane, Zurrieq

Daqstant ghandu x'jissottometti l-esponent ghall-gudizzju superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti."

Rat illi saru zewg domandi in eskussjoni lill-Perit Legali Dr. Philip Manduca mill-konsulenti legali tal-konvenuti (fol 604 u 605 tal-process). L-ewwel domanda tghid hekk:
"Illi b'riferenza ghall-hames talba tal-attur jistax il-perit legali jispjega aktar fid-dettall il-konkluzjoni tieghu u jispjega hekk kemm-il darba l-atturi ghandhomx sehem u jekk ghandhom kemm huwa."

Il-perit legali rrisponda hekk:
"Illi fir-rapport tieghu l-perit legali diga kkonkluda kif gej:

"Illi kif spjegat hawn fuq l-atturi ma ghandhomx interess fl-assi kollha ta' Felice Mangion izda fl-assi li kienu wirtu l-aventi kawza taghhom wara l-mewt ta' Francesca u Salvu Mangion tfal tat-tieni zwieg tieghu. Biex jigu divizi dawn il-proprjetajiet f'porzjonijiet hemm bzonn ir-rapport tal-Perit Tekniku. Illi wiehed ma jistax jezmina li dawn il-proprjetajiet se jkunu komodament divizibbli bejn l-eredi u ghalhekk probabilment irid jinghata stima u xi forma ta' kumpens."

Illi ghalhekk l-esponent jissottometti li l-atturi ma ghandhomx dritt ghal sehem tal-assi kollha ta' Felice Mangion izda biss ghal dak li wirtu huma wara l-mewt ta' Francesca u Salvu Mangion it-tfal tat-tieni zwieg tieghu.

Illi s-sehem tal-atturi huwa spjegat fis-sottomissjonijiet tal-esponent in konnessjoni mat-tielet talba tal-atturi."

It-tieni domanda tghid hekk:
"Illi b'referenza ghall-konkluzjonijiet finali tieghu kif kontenuti fil-pagna hamsa u tletin tar-rapport jistax il-perit legali jispjega ahjar u f'aktar dettall:
L-ewwel, jekk dawn humiex konkluzjonijiet tat-talbiet kollha
It-tieni, jekk iva jew le x'sehem attwalment dawn ghandhom u ta' xiex

It-tielet, jekk il-proprjetajiet hemm elenkati humiex tal-wirt kollu li wirtu dawn jekk hemmx aktar u
Ir-raba, jekk kemm-il darba l-proprjetajiet imsemmija humiex tajba tenu kont tal-kontenut tal-ahhar nota tal-osservazzjoni tal-konvenuti kif kontenuti fil-pagna 23 tar-rapport?”

Il-perit legali rrisponda kif gej:
Illi fit-tieni domanda l-konvenuti Mangion talbu aktar spjegazzjoni dwar x’sehem attwalment ghandhom l-atturi u ta’ xiex, jekk il-proprjetajiet hemm elenkati humiex tal-wirt kollu li wirtu jew hemmx aktar u jekk il-proprjetajiet imsemmija humiex tajjeb tenut kont tal-kontenut tal-ahhar nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuti.

Illi fin-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuti gie sottomess li l-fondi kienu divizi aktar minn tletin sena ilu u ghalhekk hemm il-preskrizzjoni. Illi l-esponent ikkunsidra dan il-punt fir-rapport tieghu u sostna li l-preskrizzjoni ma tistax tghaddi favur il-konvenuti:

“Kif intqal fis-sentenza **Carmelo Ellul vs Nicholina Ellul u Rita Baldacchino** (22/7/1985 PA – Imhallef Filletti): din il-preskrizzjoni hija ta’ indole akkwizittiva u msejsa fuq l-eskluzivita` tal-pussess. Ghaldaqstant il-pussess komuni ereditarji huwa ta’ ostakolu ghal kors ta’ kull xorta ta’ preskrizzjoni bhal din. (Ara wkoll **Ellul vs Benedict** Vol. 35 page 337 – Prim Awla 1951) u Appell Civili **Borg vs Zammit** 28/3/1955).”

Illi fil-konkluzjoni tal-esponent ghat-tmien talba tal-atturi gie spjegat is-sehem tal-atturi u ta’ xiex. L-esponent jissottometti li ma hemm xejn aktar li ghandhom dritt ghalih l-atturi.”

Rat illi l-Perit Tekniku Renato Laferla pprezenta r-rapport tieghu u fih semma:
“(1) illi s-sottofirmat gie nominat minn dina l-Onorabli Qorti sabiex, f’din il-kawza, jistma l-valur tas-segwenti immobbli:
a) 17, Triq San Bartilmew, Zurrieq,
b) 1/2 u 3, Sqaq l-Innocenti, Zurrieq,

c) 25, Triq il-Warda, Zurrieq, u
d) 4/5/6/7, Triq San Pawl, Zurrieq (omissis)

(3) illi fir-rigward tas-17, Triq San Bartilmew, Zurrieq … illum sar in-numru 32, u cioe` l-bieb centrali tal-Plaza Cinema, illum in dizuz, pero` mikri lil xi korporazzjoni … il-familja Demarco ta' Hal-Balzan, u, konsegwentement, l-esponent jistma dan il-kumpless, li ghandu jigi kkunsidrat bhala formanti l-imsemmi Nru. 17, Triq San Bartilmew, Zurrieq, bhala Lm5000 kull wiehed mit-tliet garaxxijiet, Lm2500 il-gardina (li hija llum in parti sit fabbrikabli minhaba li l-isqaq antik (in-nru. 1) illum sar Triq Sant'Andrija), id-dar tal-gallarija mghottija (suppost li tigi Nri. 26/27) Lm2500, dik tal-gallarija mikxufa (suppost li tigi n-Nri. 28 u l-immarkati 29 u 30) Lm35000 u c-Cinema Lm120000, li b'kollox igibu Lm197500, minn liema valur pero` jrid jitnaqqas Lm18000 bhala l-valur ta' dik il-bicca indefinita li nxtrat mill-imsemmija konvenuti ahwa Debono, li jigi jaghti valur finali ta' Lm179500 (mija u disgha u sebghin elf u hames mitt Liri Maltin).

(4) illi, l-fond Nri. 1/2 u 3, Sqaq l-Innocenti, Zurrieq, huwa fil-fatt zewg postijiet separati antiki li jikkomprendu s-segwenti kumditajiet:- …

liema zewg fondi l-esponent jistma rispettivament fil-valuri ta' Lm2105 u Lm368, jigifieri kumplessivament Lm2473 (elfejn erbgha mija u tlieta u sebghin Liri Maltin).

(5) illi l-fond Nru. 25, Triq il-Warda, Zurrieq, li huwa lok ta' abitazzjoni/razzett f'zewg sulari, jikkomprendi s-segwenti kumditajiet:- …

Liema fond l-esponent jistma fil-valur ta' Lm14502 (erbatax-il elf hames mija u tnejn Liri Maltin).

(6) illi l-komplesss ta' fondi 4/5/6/7, Triq San Pawl, Zurrieq, jikkonsisti minn zewgt idjar interkonnessi, adibiti ghall-uzu ta' abitazzjoni, b'maghhom zewg garaxijjiet, wiehed kbir u wiehed zghir, u ghalqa; in-numru 4 huwa l-***garage*** il-kbir, in-numru 5 iz-zghir, in-numru 6 wahda mid-

djar u n-numru 7 d-dar l-ohra, liema kumpless huwa kompost mis-segwenti kumditajiet:- …

liema kumpless ta’ djar ta’ abitazzjoni, ***garages*** u ghalqa l-esponent jistma fil-valur ta’ Lm37509 (sebgha u tletin elf hames mija u disgha Liri Maltin).

(7) illi l-esponent ihoss li hu doverus di parti tieghu li jirrileva li l-proprjeta` hawn fuq stmata hija stmata kollha qua libra u franka minn kwalunkwe piz u servitu`, u illi (i) il-fondi 1/2 u 3 Triq l-Innocenti, Zurrieq huma mikrija lil Katarin Gauci, xebba ta’ ‘l fuq minn sittin sena, b’Lm22 fis-sena, (ii) id-dar/razzett ta’ 25, Triq il-Warda, Zurrieq huwa mikri ghall-abitazzjoni wkoll lil Salvino Debono b’Lm80 fis-sena u (iii) il-kumpless ta’ 4/5/6/7, Triq San Pawl, Zurrieq huwa mikri lill-Werrieta ta’ Felic Briffa b’Lm20 fis-sena.

(8) illi, peress li skond ir-rapport peritali tal-Avukat Dottor Philip Manduca l-atturi gew wirtu l-1/256 tal-immsemmija fondi, il-valur tal-porzjon lilhom spettanti jigi 1/256 ta’ Lm23984 ossija Lm914 (disgha mija u erbatax Liri Maltin).”

Semghet bil-gurament in eskussjoni lill-Perit Renato Laferla li mistoqsi fuq ic-***cinema*** qal li dan gie indikat lilu fuq il-post bhala parti mill-assi divizorji. Hu ma kienx jaf jekk hux parti jew le izda mexa fuq dak li indikawlu minghajr ma ra dokumenti. L-unika ricerka li ghamel dwar dan kienet biex jara s-sekwenza tan-numri. ***Cinema*** wiehed biss hemm u qal li ghalih gie indikat bhala parti mill-assi. Zied jghid li l-inkarigu tieghu kien sempliciment li jistma l-immobbli li indikawlu. Qal li hu konvint li n-numri li wasal ghalihom huma tajbin u kkonfermahom. Hu qal li n-numri kienu tbiddlu.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Irrizulta li ghadda hafna zmien minn meta giet intavolata din il-kawza u llum li trid tigi deciza din il-kawza. Illi fl-ewwel lok, l-atturi talbu li tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti bejn Felice Mangion u l-ewwel mara tieghu u diviza f’zewg porzjonijiet ugwali halli jigu assenjati wahda lill-assi ta’ Felic Mangion u l-ohra l-assi ta’ martu Concetta

nee` Spiteri. Illi mill-atti tal-kawza jirrizulta li Felic Mangion kien mizzewweg lil Concetta Spiteri u li kellu zewgt itfal, Giuseppe u Marianna. Wara l-mewt ta' Felic Mangion fl-1925 giet prezentata d-denunzja tal-assi partikolari ta' Felice Mangion konsistenti f'dar fi Triq Bajada Zurrieq u dar ohra fi Triq Santa Katerina Zurrieq. Irrizulta li t-tfal tal-ewwel zwieg mill-kuntratt Dok CMB bieghu sehem Concetta Spiteri lit-tfal tat-tieni zwieg b'mod li l-atturi m'ghandhomx interess fl-ewwel talba taghhom ghar-rigward is-sehem ta' Concetta Spiteri mill-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk l-atturi m'ghandhomx interess f'din it-talba rigwardanti sehem Concetta Spiteri, li kienet l-ewwel mara. U anke in vista tal-kuntratt a fol 150, m'hemmx lok ghal din it-talba.

Fit-tieni lok, dak li gie mitlub rigwardanti l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti tal-assi konjugali tat-tieni zwieg, dan ser jigi trattat aktar 'il quddiem in vista tal-valuri stmati mill-Perit Tekniku A.I.C. Laferla.

L-atturi talbu wkoll li jigu likwidati l-assi tal-ewwel mara ta' Felice Mangion. Izda, mill-atti jirrizulta li kien sar kuntratt, fejn l-ulied tal-ewwel zwieg, Giuseppe Mangion u Marianna Mangion li kienet diga mejta, allura kienet rapprezentata minn uliedha, kienu bieghu sehemhom mill-wirt lil dawk tat-tieni zwieg (a fol 150 sa 165). Illi dan il-ftehim bil-miktub huwa l-prova rikjesta skond il-ligi. F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-artikolu 1233 tal-Kap 16 jelenka l-kazijiet fejn il-ligi espressament tirrikjedi att pubbliku li jrid ikun bil-kitba, fosthom fis-subartikolu (d), it-transazzjoni. Illi l-artikolu 1718 tal-Kap 16 ukoll jipprovdi d-definizzjoni ta' transazzjoni.

Hawnhekk ta' min isemmi li fis-sentenza **Saverio Spiteri vs Giuseppe Azzopardi,** Appell Civili fil-21 ta' Jannar 1928, inghad:
"Atteso che, ………. gli estremi essenziali di una tranzsazione, secondo la definizione dell' articolo 1478, Ordinanza gia citata, sono una lite che sia per nascere e che si vuol prevenire, ovvero una lite gia incominciata a cui si pone fine, e una cosa data, promessa o ritenuta tra le parti contraenti. "Due elementi" – cosi` il **Ricci,** Corso

di Diritto Civile, Vol. IX, n.107 – “caratterizzano la transazione e la distinguono da ogni altro contratto. Il primo e costituito dal dubbio dal quale le parti vogliono uscire, risolvendolo esse stesse, anziche` deferire la decisione al magistrato; il secondo da cio che I pratici chiamano ‘hine inde remissum’. Quest’ altro elemento consiste in cio’, che ciascuna delle parti deve dare, promettere o ritenere qualche cosa. Insomma il mutuo sacrificio cui entrambi le parti si assoggettano nello scopo di terminare una lite o di evitarla, quello che costituisce la transazione e le imprime un carattere proprio per il quale va distinta da ogni altra convenzione…….”

Illi fis-sentenza **Alessandro Portanier vs Paolo Dalli,** Appell Civili, 15 ta’ Jannar 1937, il-Qorti sostniet li t-transazzjoni li jkollha bhala oggett taghha xi immobbli ghandha ssir b’att pubbliku.

Il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-Perit Legali li ghalhekk Salvatore u Francesca Mangion hallew 1/7 tal-proprjetajiet imsemmija fil-paragrafu 8.3 tar-relazzjoni tal-Perit Legali. Illi ghalhekk Guzeppi u t-tfal ta’ ohtu Marianna wirtu 1/8 ta’ 1/8 ta’ l-assi ta’ Felice Mangion.

Illi fir-raba’ talba l-atturi talbu l-likwidazzjoni tal-assi ta’ Felic Mangion. Fil-hames talba, l-atturi talbu li dawn l-assi jigu assenjati lid-disa’ ulied tat-tieni zwieg. Fis-sitt talba tieghu, talbu li jigu likwidati l-assi ta’ Maria Mangion, it-tieni mara ta’ Felic Mangion. Fis-seba’ talba, talbu li jigu likwidati l-assi ta’ Giuseppi, Salvatore u Francesca ahwa Mangion.

Ghal dawn it-talbiet, il-konvenuti laqghu bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni decennali u trentennali, u ohrajn m’opponewx ghat-talba tal-likwidazzjoni u d-divizjoni, salv li jigu verifikati l-kwoti. F’dan ir-rigward, jigi osservat li l-konvenuti eccepew il-pussess ***ad usucapionem*** ossia l-preskrizzjoni akkwizittiva ta’ 30 sena li ghandha bhala l-elementi taghha l-pussess legittimu bir-rekwiziti kontemplati fl-artikolu 2107 tal-Kap 16 cioe` li l-pussess ikun kontinwu ghal dan it-tul taz-zmien, pussess mhux miksur, pubbliku u mhux ekwivoku ghaz-zmien li tghid il-

ligi. (Ara **Borg vs Farrugia noe et,** Appell Civili, 1957, **Chetcuti et vs Xerri et ,** 31 ta' Mejju 1996, Vol. XXXVIII, **Joseph Aquilina et vs Sunny Homes Ltd.** Prim'Awla Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 2004).

Din il-preskrizzjoni pero` ma tiddependix biss fuq il-perkors taz-zmien, izda min jeccepiha jrid juri li kien fil-pussess tal-oggett ***animo domini*** u ***in buona fede***. Relevanti wkoll li jigi annotat li skond l-artikolu 2118, dawk li jzommu f'isem haddiehor ma jistghux jippreskrivu favur taghhom infushom, jghaddi kemm jghaddi zmien.

Illi fil-fatt, gie ribadit fil-kaz **Camilleri vs Camilleri** deciza fis-16 ta' Mejju 1983, il-preskrizzjoni ta' 10 snin f'kaz ta' eredita` hija ta' indoli akwizittiva, u hija bazata fuq l-esklussivita` tal-pussess, ghalhekk kompliet tghid din il-Qorti, il-pussess komuni ereditarju huwa ta' ostakolu ghall-kors ta' kwalunkwe preskrizzjoni ta' azzjoni simili.

Gie ritenut ukoll fil-kawza **It-Tabib Dr. Carmel Apap Bologna Sciberras D'Amico Inguanez vs Emanuel Sammut,** Prim'Awla Qorti Civili, 28 ta' Marzu 2003:
"Mhux bizzejjed li jkollu d-detenzjoni tal-haga jew it-tgawdija taghha, mhux bhala haga proprja imma bhala haga ta' haddiehor, ghaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja."
(Ara **Carmelo Caruna et vs Orsla Vella,** Appell Civili, 13 ta' Marzu 1953, u **Rev. Patri Frangisku Azzopardi vs Maria Hilda noe** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fl-14 ta' Ottubru 2004).

Ghal dawn il-motivi u ghal dawk sottomessi mill-Perit Legali, tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Illi meta gew mahduma l-kwoti, eventwalment, irrizulta li l-atturi wirtu minghand Salvatore u Francesca Mangion 1/256 tal-proprjetajiet segwenti:
4, 5, 6 St. Paul Str. Zurrieq
17, St. Bartholomew Str. Zurrieq,
25, Rose Str., Zurrieq,
1,2,3 Innocent Lane, Zurrieq.

Illi l-Qorti ezaminat ukoll ir-rapport tal-Perit Tekniku fejn gie stmat il-valur wara li sar l-access biex jigu stmati l-proprjetajiet kollha li jiffurmaw parti mill-eredita` in kwistjoni. Illi gie sottolineat fin-nota tal-konvenuti li l-kumpless deskritt mill-Perit Tekniku bhala l-kumpless tal-***Plaza Cinema***, bin-numru 17, Triq San Bartilmew, Zurrieq, ma tiffurmax parti mill-wirt ereditarju, u dan stante li peress li ghadda hafna zmien kien hemm bdil fin-numri. Illi gie rilevat fl-istess nota, li fir-rapport tal-perit legali, dan il-kumpless ma jissemma mkien. Illi l-Qorti tosserva li Salvu Debono pprezenta kopja ta' kuntratt tad-29 ta' April 1929 bejn Francesco Mangion et u Salvatore Debono missier Salvino Debono dwar it-trasferiment tal-fond (ara fol 699 ***et***), kif ukoll kopja tal-kuntratt ta' sub-enfitewsi perpetwa tat-28 ta' Marzu 1948 (fol 701 ***et***), kopja ta' kuntratt ta' bejgh tal-20 ta' Novembru 1957 (fol 706 ***et***), kopja tad-denunzja ta' Concetta Debono omm Salvino Debono (fol 714 ***et***) kif ukoll kopja tac-cedola ta' fidi ta' sub-cens (fol 718 ***et***). Dawn jikkonvincu lill-Qorti li din hija l-proprjeta` ta' Salvino Debono u hutu eredi ta' Salvatore u Concetta konjugi Debono u ghalhekk ghandhom jigu eskluzi mil-licitazzjoni tal-assi ereditarju mertu tal-kawza.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi hu ovvju li l-proprjeta` in komunjoni mhix komodament divizibbli u li wiehed irid jasal permezz tal-procedura tal-licitazzjoni.

L-eccezzjoni dwar il-prekrizzjoni giet michuda.

Dwar l-ewwel talba tal-atturi minhabba li kien sar il-bejgh fid-dokument CMB mit-tfal tal-ewwel zwieg ta' Felic Mangion lit-tfal tat-tieni zwieg l-atturi m'ghandhomx interess fl-ewwel talba u ghalhekk din hija michuda.

Dwar it-tieni talba ghandha ssir il-licitazzjoni tal-fondi msemmija taht il-***para*** 8.2 tal-perit legali u tapplika wkoll l-istima tal-perit arkitett.

Dwar it-tielet talba tal-atturi irrizulta li Salvatore u Francesca Mangion hallew 1/7 tal-proprjetajiet imsemmija

u ghalhekk Guzeppi u t-tfal ta' ohtu Marianna wirtu 1/8 ta' 1/8 tal-assi ta' Felice Mangion.

In kwantu ghar-raba' talba irrizulta li l-assi tal-istess Felic Mangion jikkonsistu fis-segwenti:-
a) l-assi konjugali mit-tieni zwieg (u ghaldaqstant l-assi ta' Felic Mangion jikkonsistu, ***inter alia***, f'nofs is-segwenti):
1. 21, Rose Street, Zurrieq
2. 76, St. Bartholomew Street, Zurrieq
3. 17, St. Bartholomew Street, Zurrieq (dan il-fond gie moghti b'titolu ta' enfitewsi perpetwu lil Salvatore u Maria Concetta konjugi Debono;
4. 4, 5, 6 St. Paul Street, Zurrieq
5. 1/10 parti tal-***utile dominio*** temporanja tal-clausura f'Tal-Bajjara limiti taz-Zurrieq;
Sussegwentement, skond is-sekonda denunzja tal-istess Felic Mangion li nharget fis-17 ta' Settembru 1946, jirrizulta li oltre dawn l-isemmijin assi, Felic Mangion ghandu wkoll bhala assi:
6. 9/10 parti indivizi mill-***utile dominium*** temporanju tal-ghalqa f'tal-Bajjada, limiti taz-Zurrieq

L-assi partikolari ta' Felic Mangion jikkonsistu:
1. Dar fi Triq Bajada, Zurrieq;
2. Dar fi sqaq fi Triq Santa Caterina, Zurrieq

Dwar l-assenjazzjoni tal-proprjeta` din tidher ferm difficli kif mitluba fil-hames talba minhabba li jidher li l-uniku soluzzjoni hija l-licitazzjoni.

Dwar is-sitt talba jinghad li l-atturi m'ghandhomx interess fl-assi tat-tieni mara ta' Felice Mangion.

Dwar is-seba' talba rrizulta li l-atturi mhux qed jippretendu drittijiet fil-konfront tal-assi ta' Guzeppi Mangion tifel tat-tieni zwieg.

Minhabba li l-Qorti qed tasal ghall-konkluzjoni dwar il-licitazzjoni mhux il-kaz ta' nomina ta' nutar ghall-pubblikazzjoni tal-att opportun u kuraturi ghall-kontumaci.

Spejjez skond il-kwoti rispettivi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------